# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni numru 2709

Każ numru 3716/JHP

Fil-kwistjoni tax-xogħol

bejn

Avv Robert Gauci Maistre bhala Mandatarju specjali ta' Baran Duman (Pass No UO5912226)

u

Tipbet (C-63741)

*dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta*

**Chairman: Is-sur James Henry Pearsall**

**Illum : 15 ta' Frar, 2021**

1. **Ir-referenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota ppreżentata f'isem Baran Duman lit-Tribunal Industrijali fit-22 ta' Jannar, 2019, fejn isostni li t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu ma kienitx għal raġuni valida skont l-ATT tal-2003 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. (Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta)

Min-naħa ta' Tipbet, f'dikjarazzjoni li għamlet, datata 1 ta' Marzu, 2019, tesponi li r-raguni tat-terminazzjoni ta' l-impjieg ta Baran Duman kienet gusta u valida fil-Ligi u b'hekk it-talbiet tieghu huma infondati fill-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fiż-żmien kif stabbilit mil-Liġi minħabba numru ta' differimenti mitluba mis-soċjetà intimata kif ukoll ċirkostanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

2. **Ir-rappreżentanza:**

   Is-Sur. Baran Duman li minn issa il-quddiem ser jissejjah ir-rikorrent ser ikun rapprezentat mill-mandatorju specjali tieghu l-Avv Robert Gauci Maistre.

   Tipbet, li min issa il-quddiem ser tissejjah is-socjeta intimate, ser tkun rapprezentata mill-Avv. Maria Margo Zammit Fiorentino , akkumpanjat minn Dr. Jacques Grima.

3. **Il-fatti tal-każ fil-qosor:**

Ir-rikorrent beda l-impjieg tieghu mas-soċjetà intimata fil-31 ta' Dicembru, 2016, bhala *Customer support agent* u *content writer*, permezz ta' kuntratt ghal perjodu indefinit (Doc A). F'Ottubru tat-2017, ir-rikorrent beda jokkupa il-kariga fil-*Fraud & Payment department*. Gara il-fatt li, is-socjeta intimata itterminat l-impjieg tar-rikorrent ghar-raguni ta' "*poor work performance*" u ghaldaqstant ir-rikorrent isosstni li dan sar b'mod allegat ingust.

Ghaldaqstant ir-rikorrent qieghed jitlob kumpens ghad-danni li sofra.

Is-socjeta intimata tispjega il-fatt li wara xi incidenti li fl-ispjegazzjoni tas-socjeta', huma meqjusa bhala "*poor work performance*" l-impjieg tar-rikorrent gie itterminat permezz ta' ittra datat 10 ta' Dicembru, 2018.

4. **Il-lista ta' xhieda:**

   **4.1** Xhieda mressqa mir-rikorrent, skont il-lista kif indikata f'pagna 4 tad-dikjarazzjoni.

   **4.2** Xhieda mressqa mis-socjeta' intimata skont il-lista anetta mar-rikors prezentat.

5. **Il-lista ta' dokumenti:**

   **5.1** Ġew ippreżentati numru ta' dokumenti min-naħa tar-rikorrent : kopja tal-kuntratt tax-xoghol immarkat Doc A

   **5.2** Gew ipprezenatati numru ta' dokumenti minn naha tas-socjeta intimata immarkati Doc JG 1;2;3 u Doc A; B; C

   **5.3** Affidavit minn Baris Baygun Pass No ZO6G8JVJW bhal CEO ta Tipbet Ltd

6. **Ġabra fil-qosor tax-xhieda:**

**6.1 Mehmet Tepecik: xhud ghas-socjeta intimata** *" I am not sure if Barun Duman got informed by director*___________" (Sed 15/04 2019 pag 110).

**6.2 M.T** **"***There is no written anything for specific mistake*_____*"* ( Sed 15/04/2019, pag12).

**6.3 M.T** ma ikkagunax danni lis-socjeta intimata li setghu gew imposti mill-MG..Hu ikkonferma li erba impjegati ohra gew itterminati flimkien mar-rikorrenti bl-istess raguni ghat-terminazzjoni taghhom. (Sed 23/09/2019, pag 6;10).

**Josef Galea xhud ghas-socjeta intimata** *"There was a restructuring happening* _____" (Sed 06/05/2019 pag 12 **.**

**6.4 Mistoqsija minn l-Avv R.G.M. " ____________***you come to know about these incidents through MGA and did Mr Duman inform you of these things?* **".**

**6.5 Josef Galea: "***There is some correspondence,but we can present it, I do not remember by heart*__________" (Sed 6/05/2019 pag 15).

**6.6 Josef Galea :**

**6.7 Kevin O "Neil:** rapprezentant tal-MGA " ________*issa mic-checks li ghamilt jiena ma rrizultax li qatt ircevejna xi komunikazzjoni minghand dawn iz-zewg individwibhal Awtorita rigward il-complaints taghhom*". Sed 18/11/2019 pag 1)

**6.8 K.On**: " *l-ismijiet li ghandhi hawnhekk ma nstab xejn*" (pag3)

.

**6.9 K.On**: " *Hija facli li niddentifikawa ghaliex il-format (tar-rapport) mhuwiex taghna*." (pag4).

7. **Is-sinteżi tat-trattazzjoni tal-każ:**

**L-Avv. Robert Gauci Maistre** ibbaza it-trattazzjhoni tieghu fuq il-fatt li filwaqt li ir-rikorrent gie itterminat ghar-raguni ta' "*poor work performance*" u dan minhabba li kien talab informazzjoni zejda, (*enhanced due diligence*), minghand zewg klijenti, ghaldaqstant l-impjieg tieghu gie itterminat, ghax is-socjeta intimata sostniet li wara li dawn iz-zewg kazi kienu irrapurtati lill-Aworita' Maltija tal-Loghob, seta' kien hemm ir-riskju li is-socjeta' setghet tehel multi kbar jew anke tigi irrevokata il-licenzja ghall-operat taghhom.

**L-Avv. Robert Gauci Maistre** sostna li mix-xhieda mghotija minn rapprezentant tal-MGA gie ikkonfermat li d-dokumenti li gew ipprezentati lilhu sabiex jaghti x-xhieda fuqhom ma kienux dokumenti tal-MGA u ghal aktar minn darba ikkonferma, li hu bhala il-persuna responsabbli mill-*complaints*, qatt ma kien rahom jew gew ghall-konoxxenza tieghu l-ismijiet ta' dawn il-klijenti, li is-socjeta initmata ibbazat il-*complaints* taghhom bhala *poor work performance* li wasslu sabiex ir-rikorrent jigi itterminat mill-impjieg. Dan sar minghajr ma r-rikorrent l-anqas inghatat xi forma ta' twissija minn xi persuna li kienet responsabbli li taghmel dan. L-**Avv: R.G.M.** irrefera li fix-xhieda tieghu, ufficjal tas-socjeta' intimata ikkonferma li ir-raguni tat-terminazzjoni tar-rikorrent kienet specifikament minhabba *"enhanced due diligence*" ta' zewg kazi li filwaqt li hu jghid li dawn gew

mghoddija lill-MGA , l-istess MGA issostni li dawn qatt ma waslu ghandha u l-anqas instabu riferenzi taghhom fl-MGA, " *ma jirrizulta li qatt ircevejna xi kommunikazzjoni minghand dawn iz-zewg individw*i" (Rif pag 3 16/11/2020), izda is-socjeta' intimata ibbazat it-terminazzjoni tar-rikorrent fuq il-*compaints* ta' dawn iz-zewg kazi.

**L-Avv. Robert Gauci Maistre** spjega kif zviluppa l-argument tar-Ristrutturar fis-socjeta' intimata wara li inqalghu dawn l-incidenti u li irrizultaw f'terminazzjoni ta' seba' impjegati ohra, u li ir-raguni ta' erba' jew hamsa minnhom kienet ukoll ta' "*poor work performance*". Dan sar minghajr qatt gie ipprezentat xi forma ta' xi ezercizzju ta' ristrutturar minn naha tas-socjeta' intimata, izda fl-istess waqt xorta wahda saru numru ta' terminazzjoni ta' impjiegi.

Minn naha tas-socjeta intimata**, l-Avv. Jacques Grima**, fis-sottomissjonijiet tieghu ghas-socjeta' intimata, ta' rendikont tal-karriera tar-rikorrenti li filwaqt li inizzjalment gie impjegat f'pozizzjoni hu gie mibdul ghal pozizzjoni ohra li kienet aktar sensittiva fis-socjeta' intimata. Dan dejjem sar wara perjodu ta' tahrig li kien jinkludi l-applikazzjoni tar-regolamenti u proceduri neccessarji li hu ghandu juza fix-xoghol tieghu, u li dawn kellhom accessibilita' mill-MGA.

**L-Avv. Jacques Grima,** kompla it-trattazzjoni tieghu fejn irrefera li r-rikorrent kellu aktar miz-zewg *complaints* riferuti mis-socjeta intimata u li dawn ir-rikorrenti kien jaf bihom.

**L-Avv**. **Jacques Grima,** meta irrefera ghax-xhieda ta' l-ufficjal tal-MGA, Kevin O'Neil, fejn kien qal li ma kienx ikkonferma li l-*complaints* ma kienux waslu ghandu, pero' setghu kienu marru f'xi *general inbox*.

**L-Avv. Jacques Grima,** sosstna li il-kaz ma kienx jibbaza fuq kwistjoni ta' *enhanced due diligence* kontra *simplified due diligence*, izda kien marbut ma' ksur tar-regolamenti stringenti tal-MGA b'riferenza ghal Art 5 u Art 8 fejn jigu imsemmija kemm il-penali kif ukoll ir-revokazzjoni tal-licenzja ghall-operat tas-socjeta intimata.

**L-Avv. Jacques Grima,** jirreferi ghan-nuqqas li kien ghamel ir-rikorrent meta ghalaq il-kont tal-klijent u li dan eskala il-*complaint* tieghu skont ir-regolamenti interni tal-kumpanija li wasslu lis-superjuri tal-kumpanija jiehdu ir-responsabilita' ta' l-ghemil hazin tar-rikorrent. Kien ghall-l-isforz ta' l-ufficcjali tas-socjeta' intimata li dan il-kaz ma wasalx ghand l-MGA, ghax kieku setghu, seta' gie applikat l-infurzar relattat mall-kaz odjern. Ghalhekk **l-Avv. Jacques Grima,** baqa' jsostni li dan kien kaz fejn ir-regolamenti tas-socjeta' intimata ma gewx osservati, bir-riskju li is-socjeta' setghet giet penalizzata u ghaldaqstant, il-kumpanija itterminat l-impjieg tar-rikorrenti minnufih.

## 8 K unsiderazzjonijiet tat-Tribunal:

It-Tribunal fil-kunsiderazzjonjiet tiegħu ha konjizzjoni ta' tlett sitwazzjonijiet li graw fattwalment f'dan il-kaz odjern.

(a) Gie stabbilit li ir-rikkorent kellu xi numru ta' *complaints* li tnejn minnhom gie allegat li kienu il-fulkru ghat-terminazzjoniu ta' l-impjieg tieghu.
(b) Gie stabbilit li dawn il-*compliants* fit-total taghhom gew mitqiesa bhal **"***poor work performance*" u li ghalhekk gie itterminat l-impjieg tar-rikorrent.
(c) Gie ukoll stabbilit li filwaqt li is-socjeta' intimata tenniet li zewg *complaints* li setghu wasslu gha-terminazzjoni mill-impjieg tar-rikorrent, kienu gew mghoddija lill-Awtorita' Maltija tal-Loghob, mis-socjeta intimata, u li dawn setghu kienu il-kagun li is-socjeta' intimata titlef il-licenzja ghall-operat taghha.

It-Tribunal Industrijali innota dan li gej:

(a) Gie stabbilit li dawn iz-zewg complaints ma giex ippruvat li dawn kienu waslu ghand l-Awtorita Nazzjonali tal-Loghba ghalkemm ix-xhiedha mghotija tghat dik l-impressjoini u u ghaldaqstant dawn il-complaints ma wasslux ghall l-ebda dannu lis-socjeta initmata.

(b) Gie innotat li filwaqt li il-kaz kien mibni fuq "***poor work performace***" f'xhiedha moghtija mis-socjeta issemiet konnessjoni ta' xi ezercizzju ta' **Ristrutturar** tas-socjeta intimata, li ghalkemm f'dan il-perjodu giet mghotija terminazzjoni lill-seba impjegati inkluz lir-rikorrenti, ir-raguni unika kienet simili ghal kullhadd, dik ta' "***poor work performance***" u mhux raguni ohra.

(c) It-Tribunal ma sab l-ebda konnessjoni bejn it-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrent u xi forma ta' ta' **Ristrutturar** u l-anqas ma sab l-ebda forma ta' xi process dixxiplinarju minhabba "***il-poor work work performance***" tieghu, fejn ir-rikorrent jigi mghoti l-opportunita' li jiddefendi id-drittijiet tieghu.

(d) It-Tribunal innota mix-xhieda mghotija minn naha tas-socjeta' intimata permezz ta' Mehmet Tepecik, impjegat tas-socjeta' intimata, li fl-isfond li dan bhala impjegat beda il-karriera tieghu xhur u snin wara l-impjegati ohra inkluz ir-rikorrent, kien f'temp relattivament qasir li dan inghata promozzjoni. Dan sehh wara li mill-grad simili ghall-impjegati l-ohra hu kien beda jigbed l-attenzjoni tas-superjuri tieghu li il-kollegi tieghu kienu qeghdin jaghmlu dak li hekk imsejjah "***enhanced due diligence***" fejn dan kien riferut minnu bhala ksur tar-regolamenti tas-socjeta' intimata. Dak li ghamel ripetutament kellu effett determinanti ghat-terminazzjoni ta' l-impjegati koncernati inkluz ir-rikorrent. Wara dawn it-teminazzjonijiet dan l-istess impjegat gie mghoti il-promozzjoni.

It-Tribunal Industrijali wara l-analizi tal-fatti fehem li filwaqt li minn jimpjega, u b'mod specjali f'settur sensittiv bhal fil-kaz odjern, ghandu kull dritt li jittermina l-impjieg ta' minn jikser ir-regolamenti tal-kumpanija, izda jekk sar xoghol b'aktar reqqezza milli suppost, u li dan ma irrizultax f'xi danni negattivi ghas-socjeta' intimata, l-allegat ksur tar-regolamenti ma jistax jigi meqjus bhala nuqqas doluz.

Huwa importanti li t-Tribunal jigbed l-attenzjoni lis-socjeta' intimata l-anqas biss taght kaz tal-kuntratt tax-xoghol tar-rikorrenti fejn f'Art 12 clause 12.1 *"In the event of any dispute _________within two days of a written request from any either party to the other meet in an effort to settlle amicably"*

F'Art 13 clause 13.1 " *Any breach by the employee of his obligations under this contract will render him/her subject to disciplinary proceedings_____"* , apparti li fl-istess kuntratt tax-xoghol fi clause 3.51 hemm imsenmmi (*Any act of gross misconduct,or repaeted or continued (after a written warning ______)*

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali ma setax jifhem kif fuq fatti li ma gewx ippruvati fil-gravita' taghhom, u fin-nuqqas ta' xi forma ta' process dixxiplinarju, anke jekk b'forma bazika, u meta hemm riferut, il-process dixxiplinarju kif ukoll, l-ewwel l-*amicable settlement*, u wara l-ghotja ta' *warnings*, minn dan kollu ma jsir xejn izda tinghata dik li-it-Tribunal Industrijali iqis f'dan il-kamp bhala il-piena kapitali, dik ta' terminazjoni mill-impjieg.

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ħa inkunsiderazzjoni tat-trattazzjoni finali tal-partijiet, jaqta' u jiddeċiedi li it-terminazzjoni mill-impjieg tar-rikorrenti ma kienetx ghal-raguni gusta u skond il-Ligi.

Ghalhekk it-Tribunal Industrijali jitlob li ir-rikorrent, li ghamel zmien konsiderevalment twil minghajr impjieg, jinghata kumpens ta' €7,000 euro li ghandhom jigu mhallsa fi zmien hmistax il-gurnata minn din id-decizjoni.

Dan il-kumpens qed jigi ibbazzat fuq dawn il-kriterji assunti ghall dan il-kaz per se.

Tkeccija ghall ragunii ingusta €3,000 euro

Telfien ta' opportunita ghall l-impjieg f'Malta ikkagunat mis-socjeta intimat, li b'hekk ir-rikorrenti gie imgieghel jitlaq mill-paijjiz minhabba zmien relattivament qasir sabiex jottjeni permes ghax-xoghol f'Malta. €2,000 euro.

Kumpens ghall telf finazjarju ikkagunati minhabba tluq mill-pajjiz li sofra minhabba il-waqfien ta' l-allogjjament u it-tnehhija tal-vettura li kellhu , f'qasir zmien €2,000 euro

Total €7,000 euro

Għall-finijiet ta'Avviż Legali 48 tal 1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93 euro u 17-il ċenteżmu.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Iffirmat : Is-sur James H. Pearsall

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja